# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Settembru-Ottubru 1984 Nru. 20


## FESTA MEMORABBLI



Il-festi kbar li l-Parroċċa tagħna żammet din is-sena f'ġieħ il-Qaddis Padrun San Ġorġ fl-okkażjoni ta' egħluq l-1700 sena mit-twelid tiegħu, żgur li jibqgħu mfakkra għas-solennità u l-kobor li bihom ġew iċċelebrati. Kienu festi speċjali, festi grandjużi, festi kif jafu joħolquhom il-Ġorġjani Għawdxin f'kull okkażjoni li jridu jfakkru.

Minkejja li issa għaddew kważi xaharejn minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li laħqu l-qofol tagħhom sewwa sew f'nofs ix-xahar ta' Lulju, l-eku tal-festa għadu xorta waħda jidwi ċar f'widnejna. Min fostna jista' ma jiftakarx fil-funzjonijiet pompużi li saru fil-Bażilika, il-Konċelebrazzjonijiet Pontifikali li nżammu, il-miġja minn Ruma tar-Relikwija Mirakoluża tal-Qaddis, it-Transulazzjoni Sollenni ta' Lejliet il-Festa, l-Akkademja klassika li saret għall-okkażjoni, il-Pontifikal u l-Proċessjoni ta' nhar il-Festa. . . biex ma nsemmix il-festi kbar ta' barra! Dawn ilkoll kienu, bla dubju, l-isbaħ waqtiet mill-Festa Ċentinarja ta' din is-sena.

Il-Festa kompliet tieħu xejra aktar dinjituża bis-sehem taż-żewġ Prelati tal-Knisja, l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Corrado Ursi u l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Opilio Rossi, li ġew mistiedna jmexxu l-funzjonijiet ewlenin tal-knisja. Flimkien magħhom ingħaqdu l-ogħla awtoritajiet tal-Knisja f'Malta, fosthom l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi, L-E.T. Mons. Isqof Pawlu Darmanin, l-Abbati Dom Angelo Mifsud u x-Chargè d'Affairs, Mons Francesco Canalini. Personaġġ distint iehor li onorana bil-preżenza tiegħu kien Mons Dante Balboni, il-President tal-Kumitat organiżżattiv tal-Festi Ċentinarji f'Ruma.

Daqstant ċelebrazzjonijiet sbieħ. . . daqstant personalitajiet magħrufa, ma setgħux ma jiġbux ħlejjaq kbar ta' nies minn kull rokna tal-gżira. Kien ta' l-ikbar sodisfazzjon tara mhux biss lill-Ġorġjani jipparteċipaw fil-Festa, iżda għadd bla qies ta' Maltin u Għawdxin, partikularment fl-aħħar tlett ijiem, joħonqu l-Bażilika, it-toroq u l-pjazez ewlenin ta' beltna, daqs li kieku l-Festa ta' San Ġorġ m'għadhiex aktar waħda parrokkjali, imma saret il-Festa Nazzjonali.

Il-poplu kollu ngħaqad biex jiċċelebra din il-Festa. U kulħadd kien kelma waħda:**"Kienet Festa tassew Memorabbli!"**

## NILTAQGĦU NHAR

**Settembru**

1. L-Ewwel Sibt tax-xahar
6. **Is-26 Anniversarju mill-għoti tal-Bażilika lill-knisja parrokkjali tagħna.**
7. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar
21. **Il-229 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Fis-6.30 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali.**
29. Festa ta' San Mikiel Arkanġlu Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni.

**Ottubru:**

3. **Siegħa Adorazzjoni kommunitarja fis-2.00 p.m.**
5. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar
6. L-ewwel Sibt tax-xahar
11. Tridu tal-Madonna ta' Fatima. Fis-6.00 p.m. Quddiesa bil-priedka.
13. Festa tal-Madonna ta' Fatima. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Sollenni u wara Korteo 'Aux Flambeaux' bl-istatwa tal-Madonna.
14. Festa tal-Madonna ta' Fatima. Fl-4.00 p.m. Konċelebrazzjoni.
21. **Ġurnata Missjunarja. Il-ġbir kollu li jsir fil Knisja jkun b'risq il-Missjoni.**

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

| | |
|---|---|
| 17.6.84 | Georgia Saliba u Joe Camilleri |
| 23.6.84 | Maria Rita Cassar u Emanuel Zammit |
| 1.7.84 | John Zammit u Sylvia Gili |
| 21.7.84 | Maria Farrugia u Mario Farrugia |
| 22.7.84 | Taddea Bezzina u Celestino Cordina |
| 29.7.84 | Rose Micallef u Martin Vassallo. |

## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

R.I.P.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3.5.84 | Lucy Scicluna | | |
| 14.5.84 | Carmelo Vella | 29.6.84 | Carmela Galea |
| 21.5.84 | Carmelo Bugeja | 7.7.84 | George Grech |
| 26.5.84 | Marinton Mifsud | 10.7.84 | Emanuela Zammit |
| 18.6.84 | Joe Attard | 18.7.84 | Emanuel Muscat |
| 22.6.84 | Mikiel Agius | 30.7.84 | Anton Vella |

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| 14.4.84 | CHRISTIAN iben John Saliba u Josephine neè Cauchi. |
| 21.4.84 | REBECCA bint Raymond Sultana u Natalina neè Mercieca. |
| 29.4.84 | FRANK iben Frankie Camilleri u Adelina neè Attard. |
| 5.5.84 | DAVID iben Saviour Attard u Filomena neè Tabone. |
| 6.5.84 | GOEFFREY iben George Attard u Mikelina neè Portelli |
| 13.5.84 | SHARON-DOROTHY bint Anton Grech u Maria neè Curmi |
| 1.7.84 | PAMELA bint George Debono u Mary neè Camilleri |
| 8.7.84 | JOSEPH iben Paul Vella u Maria neè Cini |
| 18.7.84 | STEPHANIE bint Alan Buttigieg u Mary neè Zammit |
| 13.7.84 | GEORGE MARIO Iben Charlie Farrugia u Guza neè Grima. |
| 18.7.84 | STEPHANIE bint Alan Buttigieg u Mary neè Zammit. |
| 26.7.84 | GEORGE iben Anton Tabone u Maria neè Tabone. |
| 28.7.84 | GEORGETTE bint Joseph Falzon u Martha neè Farrugia. |
| 28.7.84 | JANISLEIGH bint Ivan Vella u Censina neè Micallef. |
| 3.8.84 | JOANNE bint Joe Falzon u Ann neè Borg. |
| 11.8.84 | JOSEPHINE bint George Grech u Grace neè Sacco. |
| 19.8.84 | CHARLENE bint Anthony Vassallo u Frances neè Grima. |



Għadd sabiħ ta' kappillani, retturi ta' knejjes saċerdoti u patrijiet minn diversi parroċċi tad-djoċesi t'Għawdex attendew għal konferenza li l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Corrado Ursi, Arċisqof ta' Napli, ta lill-Kleru u r-Reliġjużi Għawdxin. Il-Kardinal Ursi kien wieħed miż-żewġ kardinali li ġew mistiedna jieħdu sehem fil-Festa Ċentinarja ta' San Ġorġ. F'din il-konferenza l-Kardinal Ursi tkellem prinċipalment dwar is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. F'diskors mill-iktar interessanti, il-Kardinal Ursi ħeġġeġ lis-saċerdoti Għawdxin sabiex jagħmlu l-possibilità tagħhom kollha biex igħnu l-midinbin jerġgħu jaqbdu t-triq tas-sewwa, jagħrfu lil Kristu bħala l-mexxej tagħhom u jgħixu ta' veri nsara.
Il-Konferenza saret fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria.

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

EDITORJAL

# Wara l-Festa l-Kbira. . .

X'festa kellna!
L-ikbar festa li qatt niftakar!
Festa li ma ninsiha qatt!
Dawn kienu xi ftit mill-kummenti sbieħ li kienu jinstemgħu fuq xofftejn kulħadd l-għada tal-festa ta' San Ġorġ. U mhux biss l-għada; iżda sal-lum stess għadhom jidwu f'widnejna dawn il-kummenti.
U bir-raġun: kienu kummenti xierqa. Kienu kummenti li ħarġu minn qlub ta' nies sodisfatti b'dak li kienu gawdew u b'dak li kienu raw u semgħu. Kummenti bla xejn minfuħa, iżda kummenti li juru l-għoġba u l-grazzi tannies għall-festa kbira ċentinarja ta' San Ġorġ.
Qed ngħidu **nies** u mhux Ġorġjani, għaliex mhux il-Ġorġjani biss ħadu sehem u gawdew il-festa, iżda Għawdex kollu, biex ma nsemmux l-eluf ta' Maltin li ngħaqdu magħna fil-jiem tal-festa.
Iżda issa l-festa għaddiet. U qawl li ma nixtiequhx iseħħ huwa: **"iż-żmien inessi kollox".** Ma rridux li ż-żmien inessina l-ġrajja li għadna kif għixna.
M'aħniex nirreferu għat-tiżjin, sparar, baned, mużika, kant. Dawn kollha sbieħ u kollha għinu biex din is-sena jkollna festa mill-aqwa. Iżda qed nirreferu għal żewġ affarijiet kbar li għixna: il-miġja fostna tar-Relikwija mirakuluża ta' San Ġorġ li tinsab meqjuma fil-Bażilika tiegħu ġewwa il-Velebro f'Ruma, u ż-żjara li l-Kardinal Ursi u Rossi għamlulna u l-laqgħa kbira li saritilhom.
F'dawk il-jiem tal-festa dehret ħaġa ċara daqs il-kristall: Għawdex iħobb il-Knisja. Is-serbut twil ta' nies ma jaqta' xejn jinvista ir-Relikwija ta' San Ġorġ jixhed l-imħabba tal-Għawdxin lejn San Ġorġ, u f'San Ġorġ jara l-martri kollha li, għax ħabbew il-Knisja, ċarċru demmhom għaliha.
Il-laqgħa, l-istima, il-ferħ li bih ilqajna liż-żewġ prinċpijiet tal-Knisja kien jixhed ir-rabta tal-Għawdxin mal-Ġerarkija tal-Knisja mhux biss dik lokali iżda dik universali.
Għalhekk nixtiequ ninqdew b'din ir-rivista biex inwasslulkom messaġġ b'tifkira tal-festa kbira tagħna:
**Għawdxin u Maltin, ikunu x'ikunu ċ-ċirkustanzi li jkollna nħabbtu wiċċna magħhom fiż-żmienijiet li ġejjin, ejjew ma ninsew qatt li ftit taż-żmien ilu aħna iddikjarajna quddiem kulħadd bil-ferħ, bl-entużjażmu, bil-qima kollha tagħna, li aħna nemmnu fil-KNISJA, għandna fiduċja fil-KNISJA, nafdaw fil-KNISJA li lkoll kemm aħna niffurmaw parti minnha.**
**Inżommuha sħiħa din id-dikjarazzjoni li aħna għamilna flimkien, akkost ta' kollox.**

# Ittra Pastorali ta' Mons. Isqof N. Cauchi dwar San Ġorġ M.



*"Il-poplu ta' diversi pajjiżi mbegħda minn xulxin u ta' kulturi differenti għandu qima profonda lejn San Ġorġ Martri għax fih jilmaħ u jammira l-idejal ta' l-isbaħ valuri umani u spiritwali". Hekk stqarr l-Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi f'Ittra Pastorali li huwa kiteb fl-okkażjoni tal-Festa Ċentinarja ta' San Ġorġ Martri li ġiet ċelebrata fil-Belt Victoria nhar il-Ħadd, 15 ta' Lulju. Il-Festa fakkret egħluq l-1700 Sena mit-Twelid ta' San Ġorġ.*
*Fl-Ittra tiegħu Mons Isqof qal li "hija drawwa tajba li jiġu ċelebrati ċ-ċentinarji ta' persunaġġi u ġrajjiet importanti fl-istorja, mhux biss bil-għan li ma tintesiex it-tifkira tagħhom, iżda wkoll sabiex minnhom l-insara jkunu jistgħu jisiltu xi lezzjoni ta' siwi għalihom".*
*Mons. Isqof fakkar li d-devozzjoni lejn il-qaddisin għandha tikkonsisti fl-imitazzjoni tagħhom: "Is-sejħa li nixtieq nagħmlilkom f'dan iċ-ċentinarju hija li tagħmlu ħilitkom biex issiru tixbħu lil San Ġorġ fil-qdusija partikolari tiegħu. Fih li kien martri żagħżugħ, tidher iż-żogħżija spiritwali tal-Knisja, li tinħass meta xi wħud mill-membri tagħha jgħixu skond it-tagħlim tal-Vanġelu li jgħodd għal kull żmien".*
*In-nisrani awtentiku, żied igħid Mons. Isqof, mhux biss igawdi l-libertà ta' wlied Alla, iżda jidhru wkoll f'ħajtu s-sinjali taż-żgħożija spiritwali, fosthom it-tama qawwija f'Alla, il-kuraġġ evanġeliku u l-ġenerożità.*
*Kulħadd huwa msejjaħ biex jimxi mill-istess triq li għaddew minnha l-Qaddisin. "J'Alla nitgħallmu minnhom kif inwettqu s-sejħa nisranija tagħna matul ħajjitna" temm igħid Mons Isqof.*

***IT-TALB***
***It-talb bhall-użin. Qiegħed piż ġo keffa, u itfa' għabra tqiq ġo l-oħra. Il-miżien ma jitharrikx.***
***Itfa' għabra oħra u jerġa' ma jitharrikx, u hekk aktarx għal bosta u bosta drabi. Iżda fl-aħħar jasal ħin illi t-tqiq jeghleb u l-mizien jaqleb!***
***Hekk it-talb.***
***Titlob darba u ma taqlax; titlob darb'oħra u terġa' ma taqlax. U hekk għandu mnejn għal bosta drabi oħra. Iżda fl-aħħar tiġi siegħa meta l-qawwa tat-talb tirbaħ, u l-grazzja tinżel.***
**Dun Karm - 1925**

*Ħajr lil Cremona Photo Studio u lil Dr Eugene F Montanaro LL.D. tar-ritratti kollha li qed jidhru f'din il-ħarġa.*

**Bosta ġenituri, lill-klieb li jkollhom, jorbtuhom; lil uliedhom jerħulhom.**

# IL-FESTA ĊENTINARJA TA



*L-istatwa artistika ta' San Ġorġ, imdawwra mat-toroq u l-pjazez ewlenin ta' beltna f'Jum il-Festa.*



*Mons. Dante Balboni, President tal-Kumitat Organizzattiv tal-Festi Ċentinarji f'Ruma - wieħed mill-awtoritajiet distinti li ħadu sehem fil-Festa.*



*L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Corrado Ursi li mexxa l-funzjonijiet ewlenin li saru fil-Bażilika bejn l-11 u l-12 ta' Lulju.*



*Dehra tal-istatwa artist b'bukketti tal-ward. Qu Relikwija tal-Qaddis li Giorgio Al Velabro f'Rum*



*Il-Kapitlu u l-Kleru Ġorġjan jidher jimmarċja fil-Proċessjoni li saret bir-Relikwija fi Triq ir-Repubblika nhar il-Ħamis 12 ta' Lulju. Fil-proċessjoni ħadet sehem ukoll il-Banda La Stella.*



*L-Isqof t'Għawdex, Mons Nikol Cauchi, li ħa sehem fil-funzjonijiet ewlenin kollha li saru fil-Bażilika, jidher jagħmel diskors ta' introduzzjoni fl-Akkademja Mużiko/Letterarja*



*Mument mill-iktar sollen kollha: L-Eminenza Tieg jgħolli 'l fuq ir-Relikwija M iċ-ċapċip u l-ferħ tal-popl*



*L-Arċipriet, Mons Emanuel Mercieca, jidher iġorr ir-Relikwija tal-Qaddis.*



*Is-Sibt - Lejliet il-Festa - Transulazzjoni Sollenni bir-Relikwija ta' San Ġorġ trasportata mill-Kardinal Rossi.*





*Il-Kardinal Rossi jidher ineħħi l-karlotta tiegħu biex joffriha lill-knisja u jaċċetta oħra li ngħat atlu minflokha.*



*Bl-inizzjattiva ta' Mons Arċipriet, inżammet Laqgħa tal-Professjonisti Għawdxin mall-Kardinal Rossi. Fir-ritratt jidher il-Maġte. Victor Caruana Colombo (xellug) hekk kif temm id-diskors li għamel għan-nom ta' sħabu l-professjonisti.*

*L-istatwa ta' San Ġorġ gl Dimostrazzjoni kbira li sa*

# A' SAN ĠORĠ MARTRI - 1984



...ika ta' San Ġorġ imżejna ...uddiem l-istatwa tidher ir-... nġabet mill-Bażilika San ...na.



...nni u mistenni mill-Ġorġjani ...għu l-Kardinal Corrado Ursi ...Mirakoluża ta' San Ġorġ fost ...lu.



...għall-festi ta' barra, waqt id-...aret il-Ġimgħa 13 ta' Lulju.



*L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Opilio Rossi, il-mistieden speċjali għall-aħħar tlett ijiem tal-Festa.*



*L-Arċipriet tal-Bażilika, Mons Emanuel Mercieca, jaqra Indirizz ta' Merħba mall-wasla tar-Relikwija f'Misraħ San Ġorġ. Magħemb l-Arċipriet jidher il-Kardinal Ursi.*



*Folol kbar ta' nies honqu Misraħ San Ġorġ f'Jum il-Festa biex jassistu għall-ftuħ tal-Proċessjoni Sollenni.*



*L-Isqof Kabuċċin, l-E.T. Mons Pawlu Darmanin, mexxa l-funzjonijiet tal-knisja fl-Ewwel Jum tat-Tridu.*



*Il-Pontifikal Sollenni ta' nhar il-Festa. Mix-xellug għal-lemin jidhru: Mons. Francesco Canalini, Mons. Isqof Nikol Cauchi, il-Kardinal Opilio Rossi, l-Abbati Dom Angelo Mifsud u Mons Arċipriet Emanuel Mercieca.*



*Dehra ġenerali tal-Bażilika waqt l-Akkademja li saret taħt il-ħarsien tal-Kardinal Rossi.*



*Fil-proċessjoni ta' din is-sena nġarret għall-ewwel darba r-Relikwija (tal-Velabro). Fir-ritratt tidher qed tiġi merfugħha fuq l-idejn minn erba' Kanonċi tal-Kolleġġjata.*



*Mro. Joseph Vella, Maestro Di Cappella tal-Bażilika, jidher flimkien mall-mużiċisti, jilqa' l-applawsi tal-pubbliku fi tmiem l-Akkademja.*



*Is-Sur Paul M. Cassar (xellug) jidher jippreżenta dgħajsa tal-fidda f'isem is-Soċjetà La Stella lill-E.T. il-Kardinal Corrado Ursi fis-sala l-ġdida tal-Każin tal-Banda. Rigal simili ngħata wkoll lill-E.T. il-Kardinal Opilio Rossi.*

# Qatt Innotajt x'Temperament Għandek?

Aħna nirtu t-temperamenti ġeneralment minn għand ommna u missierna. It-temperamenti huma erbgħa: sangwinju, melankoliku, flematiku, u kolleriku. . . int żgur li għandek xi wieħed minn dawn l-erbgħa.

Aqra dan il-fatt u ara int bħal min kont iġġib ruħek.

Erbat irġiel ħarġu passiġġata. . . l-ewwel wieħed li kellu temperament sangwinju, ġie biex jaqsam pont u sabu mkisser. Bla ma qagħad iqis il-periklu, nxteħet fuq il-kurrent. :: **Is-sangwinju xejn ma jqisha, fejn laqat laqat, ma jżommx kelmtu, idur ma' kull riħ.**

It-tieni raġel, ta' karattru melankoliku, ġie wkoll fejn l-istess pont. Peress li ra l-periklu beda jgerger: 'Jien kont naf li kelli niltaqa' max-xkiel, daqskemm jien sfortunat. Mela ma naqbiżx fl-ilma, biex nieħu riħu u mmut'. :: **Il-melankoliku jara kull sħaba mill-aktar naħa sewda, u mingħajr roqgħa bajda.**

It-tielet wieħed flemmatiku laħaq ukoll il-pont u tafu x'għamel? Qagħad bil-qiegħda fil-ġenb u qal: 'Fl-aħħar jinqala' xi ħadd u jsewwi l-pont!' :: **Il-flemmatiku, li hu għażżien, jippreferi jieqaf milli jimxi; joqgħod bil-qiegħda milli joqgħod bil-wieqfa; joqgħod mimdud milli bil-qiegħda.**

Ir-raba' wieħed li kien il-kolleriku, ra l-ħsara, ħares madwaru biex jara kienx hemm xi twavel, sabhom, middhom u mexa għan-naħa l-oħra. :: **Il-kolleriku huwa bniedem ta' azzjoni: jeħtieġlu jrazzan it-temperament tiegħu li hu qalil. Jista' jagħmih u jġiegħlu jiġri biex jgħaddi jkisser rasu ma' ħajt, avolja bieb ikun fil-qrib!**

*U int, li qrajt din l-istorja, int, x'temperament għandek?*

# Ix-Xitan Ried Iżarma ! ! !

Tgħidilna l-istorja li x-xitan ried iżarma. . .

Għalhekk ġab l-għodod kollha li juża biex iwaqqana fid-dnub: rabja, sess, gideb, suppervja, dagħa, għira. . . u qegħdhom fuq 'counter' biex ibigħhom. Għamel speċi ta' 'bazaar'. Mwarrba mill-oħrajn kien hemm biċċa għodda żgħira, fina, mikula ħafna, però li kellha prezz għoli ħafna - esaġerat, biex ingħid hekk, għad-daqs tal-għodda! 'Dik x'inhi?' staqsiet waħda mara li kienet interessata.

'Eħ, dik l-aqwa għodda li għandi,' wieġeb ix-xitan, 'meta ma jirnexxilix nidħol bl-għodod l-oħra, dejjem jirnexxili niftaħ il-qalb b'din il-għodda, u meta nidħol, nagħmel festa sħiħa'.

'Mela x'inhi din il-għodda?'

'Din l-għodda hija l-QTIEGĦ IL-QALB. Meta jirnexxili naqtagħlu qalbu lil min ikun, li rrid nagħmel bih!'

Veru. . . din it-tentazzjoni tal-qtiegħ il-qalb hija tentazzjoni fina imma qawwija li qed tħassrilna ħajjitna. Billi naqilgħu wisq daqqiet ta' ħarta fil-ħajja, malajr nibdew nimmiraw bil-baxx, inrattbu l-idejali tagħna u nikkuntentaw bix-xejn. . .

Imma makakk kemm hu makakk ix-xitan, u kbar kemm huma kbar il-problemi fil-ħajja, aħna nafu li hemm wieħed li hu aktar makakk u aktar qawwi mill-problemi kollha tagħna: ĠESÙ KRISTU.

**Għalhekk huwa mportanti li nara x'nagħmel sabiex dan Ġesù Kristu jsir is-sinsla ta' ħajti: għax jaqbel lili, u lil dawk li nħobb!**

## Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista:

Lm5 - J. Portelli (Sydney) Lm2 - L. Said (Sydney) Lm1 - G. Bianchi (Qormi), N.N., F. Sciberras (Qormi), Kan. C. Grima (Gibiltà)., F. Grech.

Lm1.50 - N.N.

5 Dollars - A. Borg (Canada), G. Borg (Canada).

*Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawn is-sinjuri tal-kontribuzzjonijiet li għoġobhom joffrulna, inkomplu nħeġġu lill-qarrejja tagħna sabiex ma jieqfu qatt milli jagħtuna l-għajnuna tagħhom biex intaffu xi ftit mill-ispejjeż li għandna biex nistampaw din ir-rivista parrokkjali.*

# *Fiduċja Għamja*

Kont fuq il-karozza tal-linja, sejjer lejn id-dar mix-xogħol meta waqafna fuq 'stage' għaċ-ċempila ta' xi ħadd. Fost in-nies li niżlu mill-karozza, kien hemm żewġt irġiel id f'id. . . wieħed kien għama. Wara li niżlu dawn baqgħu mexjin, it-tnejn id f'id.

L-għama, bħall-għomja kollha, kellu bżonn l-għajnuna ta' bniedem ieħor li jista' jara. Hareġ idejh biex 'jara' minn fejn hu għaddej. U hu sab id oħra ħanina li lesta li tgħin, lesta li tmexxieħ tajjeb, lesta li tissostitwilu dak li għandu nieqes, u li lesta li twennsu. L-għama ħass sigurta kbira!

Aħna bħall-għama Inkunu f'xi dalma - f'xi dalma ta' dwejjaq, inkwiet, jew dnub. U jekk inkunu hekk, min jaf kemm-il darba nħossuna mwerwrin għax m'aħniex naraw. Noħorġu jdejna u nibżgħu li ma nsibux għajnuna. Iżda l-għajnuna hemm qiegħda; irridu biss nagħmlu sforz żgħir, talba ċkejkna, u nsibu dik l-Id li lesta biex twassalna fejn hemm id-dawl, fejn nistgħu nibdew naraw. Insibu l-Id li lesta tfarraġna, tneħħilna t-toqol minn fuq spallejna. **Hemm l-Id ta' Ġesù. . . Id aqwa minn tal-bniedem għax żgur ma tqarraqx bik.**

**Irid ikollna fiduċja għamja f'Ġesù.**

**Inħalluh imexxina, għax żgur li jaf it-triq. . . għax Hu t-Triq.**

*NIKET*



***Tifkira Għażiża ta' Joe Attard li miet b'diżgrazzja fl-għomor ta' 31 sena nhar it-18 ta' Ġunju 1984 R.I.P.***

# INVESTITURA TA' KAVALLIERI

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ġunju fil-Bażilika ta' San Ġorġ saret l-Investitura ta' mhux inqas minn erbatax-il persuna fi ħdan l-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann ta' Malta. Dawn kienu ġejjin mill-Italja, minn Malta, minn Franza, mill-Greċja, mill-Portugal,mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, mill-Ingilterra u mill-Awstralja. Fost dawn il-Kavallieri ġodda kien hemm ukoll erba' Dami. Iċ-Ċerimonja tmexxiet mill-Kanċellier ta' l-Ordni, l-Baruni Kelinu Vella Haber u minn Mons Anton Gauci, Prijur tal-lingwa ta' Malta.







Din l-okkażjoni singulari għal gżiritna fetħet bil-kandidati l-ġodda jimmarċjaw proċessjonalment wara l-istandard ta' l-Ordni mill-Bieb Prinċipali tal-Bażilika sa l-Altar Maġġur fejn hemm ġew milqugħa mill-uffiċjali. Huma telgħu wara xulxin fuq l-altar fejn qiegħdu kull wieħed xemgħa tixgħel. Imbagħad kienu mitluba jbusu x-xabla wara li din kienet tbierket u sar il-qari tal-voti. Iċ-Ċerimonja, li saret kollha kemm hi bl-Ingliż, tkompliet bil-Baruni Vella Haber ifakkar lill-Kavallieri l-ġodda fid-dmirijiet tagħhom. Wara dan, kien imiss il-parti l-iktar importanti tal-funzjoni, fejn kull Kavallier jinżel għarkubbtejh, jirċievi s-Salib u l-mantar iswed b'salib abjad bi tmien ponot fuq id-dahar tal-mantell. Wara l-wegħda li kull Kavallier għamel li jħares u jobdi l-Istatut ta' l-Ordni, il-Baruni Vella Haber tahom il-Bewsa tal-Paċi waqt li Mons Gauci qal l-aħħar talb. Kull Kavallier imbagħad mill-ġdid tela' l-altar mnejn irtira u tefa x-xema' tiegħu.



Fi tmiem din iċ-Ċerimonja, il-Baruni Kelinu Vella Haber ippreżenta pittura maħduma f'Ruma lill-Arċipriet tal-Bażilika, Mons. Emmanuele Mercieca bħala turija ta' qima u radd il-ħajr f'isem l-Ordni Sovran tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Mons. Mercieca, f'kelmtejn qosra rringrazzja lill-Ordni għal dan il-ġest hekk sabiħ u wera x-xewqa li din ma tkunx l-aħħar żjara ta' dawn il-Kavallieri fil-Bażilika.

Għal min forsi jaħseb li dawn il-Kavallieri għadda żmienhom ta' min igħid hawnhekk li dawn il-persuni, bosta drabi huma professjonisti magħrufa, ġejjin minn pajjiżi differenti, magħrufin għall-għerf u x-xogħol filantropiku li jwettqu, u li minnhom u minn xogħolhom, il-gżejjer tagħhna għandhom x'jirbħu.

L-Investitura tal-Kavallieri tal-Ordni Ġerusalemitan fil-Bażilika ta' San Ġorġ saret bl-inizzjattiva ta' Mons A. Gauci.



# PAĠNA TAS-SOĊJETÀ LA STELLA

## Il-Proġett tal-Bini ta' Każin Ġdid

Kif ħafna setgħu josservaw matul il-ġranet tal-festa, il-proġett tal-bini tal-każin tal-Banda issa jinsab riesaq lejn it-tmiem tiegħu. F'dawn l-aħħar xhur tlesta għal kollox ix-xogħol tal-bini, tant li għall-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġorġ ta' din is-sena (23 t'April) rajna tperper għall-ewwel darba l-bandiera bl-istemma tas-Soċjetà fuq l-arblu majestuż tal-Każin. Ix-xogħol li għad baqa' jsir huwa pjuttost dak dekorattiv, l-aktar mall-faċċata. Waħda miż-żewġ swali li nbnew fil-każin insibuha komplita minn kollox, u fil-fatt matul il-ġimgħa tal-festa fiha ġew milqugħa ż-żewġ Kardinali Taljani li ħadu sehem fil-Festa. Ta' min isemmi hawnhekk li kemm l-E.T. il-Kardinal Corrado Ursi kif ukoll l-E.T. il-Kardinal Opilio Rossi kienu l-mistiedna tas-Soċjetà għal żewġ riċevimenti li ngħataw f'ġieħhom. Waqt dawn ir-riċevimenti s-Soċjetà ippreżentatilhom rigali tal-okkażjoni.

## Mro Vella ma Jieqaf Qatt

Donnu li anke għas-Surmast tal-Banda tagħna, Mro Joseph Vella, l-istaġun tas-sajf l-anqas ma jġib miegħu l-ġranet ta' mistrieħ li wieħed tant ikun jistenna! Matul ix-xahar ta' Lulju, Mro Vella kien impenjat għall-aħħar b'żewġ serati kbar li tella' waħda f'Għawdex u l-oħra f'Malta. L-ewwel serata nżammet bħala parti mill-festi ċentinarji ta' San Ġorġ, f'liema okkażjoni huwa idderieġa Programm Mużikali ta' livell eċċezzjonali, li kien jinkludi, fost oħrajn, il-komposizzjoni ċelebri "Ecce Panis Angelorum" ta' Claudio Monteverdi. Fil-31 ta' Lulju, imbgħad, Mro Vella ippreżenta Kunċert Klassiku ieħor, din id-darba xogħlijiet li ħarġu mill-pinna tiegħu stess. Il-Kunċert, "The Music of Joseph Vella" sar fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, bħala parti mill-Malta International Arts Festival 1984.

## Bandisti Ġodda

Il-Banda La Stella kompliet tkabbar in-numru ta' bandisti reġistrati magħha bi tlett prinċipjanti oħra li ħarġu jdoqqu għall-ewwel darba fil-Festa ta' San Ġorġ. It-tlett bandisti ġodda huma George Attard (horn), George Gatt (Side Drums) u Renzo Farrugia (Horn). Huma ġew imħarrġa mis-Sur Joseph Attard, li issa ilu żmien twil inkarigat mit-tagħlim tal-mużika fil-Każin. Inċidentalment iben is-Sur Attard, Stephen, jidher li miexi ġmielu fuq il-passi ta' missieru. Dan l-aħħar Stephen irnexxielu jakkwista l-F.T.C.L. Nifirħulu.

## Il-Banda fil-Mosta



Għall-ewwel darba din is-sena l-Banda La Stella kienet mistiedna tieħu sehem fil-Festa ta' Santa Marija fil-Mosta. Għall-okkażjoni l-Banda għamlet il-Marċ ta' Filgħodu, marċ kbir li nżamm fost briju u ferħ liema bħalu mill-partitarji Mostin. Il-marċ beda f'Eucharistic Congress Street, għadda għall-Pjazza tar-Rotunda u spiċċa f'Constitution Street. Lejn tmiem il-marċ is-Sur Joe Scicluna ta' Scicluna Ent. Ltd. f'isem il-Kumitat tal-Festa, ippreżenta Trophy lis-Soċjetà La Stella bħala tifkira tal-okkażjoni.

## Tlett Tours Stupendi

Minkejja l-ġranet sħan tas-sajf, il-ħidma fi ħdan is-Soċjetà tkompli għaddejja mhux biss permezz tas-servizzi tal-banda, iżda anke permezz tal-ġiti barra minn Malta li s-Soċjetà tieħu ħsieb torganizza ta' kull sena. Dawn il-ġiti, magħrufa aħjar bħala Astra Tours, illum il-ġurnata saru popolari ferm mall-Maltin u l-Għawdxin. Dan is-sajf ġew organizzati tlett Tours oħra li lkoll marru tajjeb ħafna. Direttur Ġenerali tal-Astra Tours huwa l-ħabrieki Segretarju tal-Banda, is-Sur Paul M. Cassar, li lejh imur ir-rikonoxximent tagħna għall-ħidma bla qies li huwa dejjem iwettaq b'risq is-Soċjetà.

## Żjara mill-Editur tal-'Maltese Herald'

Is-Sur Lino Vella, Editur tal-'Maltese Herald' fl-Awstralja, nhar it-Tlieta 7 t'Awissu għamel żjara ta' kortesija fil-Każin La Stella. Is-Sur Vella ġie milqugħ u mdawwar mal-lokal mis-Sur George Attard (President) u s-Sur George Borg (Kaxxier), li tkellmu mas-Sur Vella dwar l-attivitajiet mużikali u rekreattivi li jinżammu ta' kull sena kemm fil-Każin tal-Banda kif ukoll fit-Teatru Astra. Is-Sur Attard ippreżenta lis-Sur Vella b'kopja tal-Cassette Tape ġdid ta' marċi li l-Banda ħarġet din is-sena, bl-isem 'Festa Ċentinarja'. Is-Sur L. Vella kien akkumpanjat f'din iż-żjara mis-Sur Charles Spiteri, rappreżentant tal-'Maltese Herald' f'Għawdex.

A & M Printing Ltd. Qala - Gozo. Tel:553217